# Biex Niftiehmu Sew

Biex niftiehmu sew jeħtieġ li qabelxejn ngħidilkom ftit min hi din l-imbierka ta' Betta Trombetta, għax billi m'intomx minn Ħal Faqqus naħseb li għadkom ma tafuhiex. Ħal Faqqus huwa r-raħal fejn toqgħod hi, u jaqbel illi nibda billi ngħidilkom xi ħaġa dwaru.

Ħal Faqqus huwa raħal ċkejken f'rokna mwarrba ta' Malta. L-isem tiegħu ħadu mill-għadd bla qies ta' faqqus il-ħmir li jikber madwaru fl-irqajja' ta' art mhix maħduma. Iżda taħsbux li f'dan ir-raħal m'hemm xejn ħlief faqqus il-ħmir, jew li fih baqa' kollox ta' żmien il-bużnanna. Xejn minn dan. Illum dan ir-raħal qiegħed jiġi żviluppat, u fih issib ħafna bini ġdid fejn bosta familji minn kull rokna ta' Malta qegħdin imorru joqogħdu. B'hekk il-progress daħal ukoll f'Ħal Faqqus.

Ġo waħda minn dawn id-djar ġodda, fi Triq Fażola, toqgħod il-familja ta' Betta Trombetta, tifla tassew fuq ruħha li għandha xi għaxar snin u tmur l-iskola primarja tal-Gvern. Din it-tifla mqarba għandha manija għall-inkwiet, u l-għawġ jiġri warajha kull fejn tmur (għalkemm ġieli tkun hi li tiġri warajh!). M'hemmx ruħ waħda f'Ħal Faqqus kollu li qatt ma semgħet bil-praspar ta' Betta Trombetta.

Ħafna minn dan l-inkwiet inqala' għax it-tifla ma taħsibhom xejn. Tħobb taqta' bla ma tqis u tagħmel kollox kif jiġiha f'rasha dak il-ħin. Tħobb tippika ma' dak li jkun u xi drabi tinki wkoll. Iżda qalbha mhix ħażina u malajr jiddispjaċieha jekk tkun daħħlet lil ħaddieħor f'xi biċċa għawġ.

Betta tbati ħafna bil-burdati. Xi drabi ma jkollha aptit tkellem lil ħadd, waqt li drabi oħra taqbad tgħid u ma tiqafx. Tagħmel żmien ma tkunx trid taf bi studju, imbagħad tiġi ħabta meta tiffissa fil-pitazzi u tisthajjilha se tibda tiekol il-kotba!

F'dik li hi skola Betta mhix xi tifla brava, iżda lanqas mhi xi ġidra, u li kieku kellha tistudja bis-serjetà kienet tgħodd mal-aħjar tfal tal-klassi. Iżżomm ruħha dejjem ferħana u d-dwejjaq tagħha qatt ma jkollhom ħajja twila. Tagħti ħafna kas tad-dehra tagħha, u tħobb iżżomm ħwejjiġha ndaf u xagħarha mimxut pulit u mżejjen b'xi żigarella marbuta ċoff.

Issa ħaġa oħra. Nisthajjilkom qegħdin taħsbu li "Trombetta" huwa xi laqam. Imma niżgurakom li mhux hekk. "Trombetta" huwa l-kunjom tat-tifla. Kienet wirtitu mingħand in-nannu Alberto li kien Taljan miżżewweġ Maltija. Illum kemm hu kif ukoll martu, in-nanna Marija, huma mejtin. Iżda l-kunjom "Trombetta" għadu ħaj, u bis-saħħa ta' Betta qed isir magħruf ma' Malta kollha. L-isem proprju tat-tifla hu "Eliżabetta", iżda billi huwa xi ftit twil kienu qassruhula f'Betta, għall-ħeffa.

Fid-dar fejn toqgħod Betta, minbarra l-mamà u l-papà, hemm ukoll żewġ ħutha subien, Franco ta' sittax-il sena

u Silvano ta' tliet snin. Imbagħad hemm ukoll in-nanna Marjanna u n-nannu Bennard, li jiġu omm u missier il-mamà. Lil dawn kollha ssiru tafuhom aktar mill-qrib intom u taqraw dawn l-istejjer.

U issa li għandkom idea ħafifa tat-tifla mqarba ta' Ħal Faqqus naħseb li nistgħu niftiehmu sew. Għalhekk jaqbel li nħallikom taqraw u tiggostaw (mingħajr ma timitaw) il-barumbati ta' Betta Trombetta.

## Betta u l-*Hamster*

Fost il-membri kollha tal-familja tagħha Betta tingwalaha l-iktar man-nannu Bennard. Ix-xwejjaħ dejjem jieħu l-praspar tagħha biċ-ċajt, u meta t-tifla taqla' xi biċċa inkwiet huwa jaf jikkumpatiha u jgħid bi tbissima, "Għaqal tat-tfal … Għaqal tat-tfal …"

In-nannu Bennard għandu drawwa li kull nhar ta' Ħadd filgħodu jidħol sa fuq il-monti. Bosta drabi ma jkollu bżonn jixtri xejn, iżda xorta waħda jieħu gost b'dik il-ħarġa ta' darba fil-ġimgħa. Lil Betta sikwit jeħodha miegħu, u t-tifla qatt ma terġa' lura d-dar b'idha f'idha għax in-nannu dejjem jixtrilha xi ħaġa li magħha tkun ħadet grazzja.

Darba minnhom, waqt li kienu jduru fuq il-monti, Betta rat raġel li kien ibigħ il-*hamsters*. Dawn ikunu qishom ġrieden kbar ta' lewn kannella, abjad jew kafellatte. Ikollhom denbhom qasir ħafna, iżda rashom u wiċċhom proprju proprju bħal tal-ġrieden. Dawn l-annimali huma tassew mansi, u n-nies jixtruhom u jrabbuhom bħala *pets*. Betta xeħtet għajnejha fuq *hamster* kbir kannella skur u talbet lin-nannu jixtrihulha. In-nannu kien jaf li d-dar mhux kulħadd kien se jaċċettah, iżda meta Betta sfurzatu ikkuntentaha.

Il-bejjiegħ poġġielha l-*hamster* ġo kaxxa ċkejkna tal-kartun fejn qabel kien għamel żewġ toqbiet żgħar għan-nifs. Fuq il-karozza, huma u sejrin id-dar, Betta żammet il-kaxxa f'ħoġorha u qagħdet tittawwal ta' sikwit mit-toqob tan-nifs, tiggosta l-*hamster*. "Għandu rasu qisha basla tal-pikles, nann," qalet it-tifla f'ħin minnhom. "U hekk qed nitħajjar insemmih — Pikles! … Iva, hekk se nsejjaħlu, Pikles! Jixraqlu dan l-isem, eh nann?" Iżda n-nannu kien qiegħed jaħseb x'kien se jiġri meta jaslu d-dar bil-*hamster*.

In-nannu ma kienx mar żmerċ għax Pikles xejn ma sab laqgħa sabiħa tistennieh id-dar. Il-mamà lanqas biss riedet tarah b'għajnejha, u n-nanna Marjanna kienet titkexkex u tinfexx twerżaq kull darba li tixħet għajnejha fuqu. Tgħidx xi ġlieda għamlet man-nannu talli kien fettillu jieħu dak il-kruha ta' ġurdien id-dar! (Għax għalihom ma kienx ħlief ġurdien kbir ikrah b'denbu maqtugħ!) Iżda lil Pikles ikkurdawlu gaġġa fil-kamra tal-imbarazz li kellhom fil-ġnien u hemm deher li ma kien se jdejjaq lil ħadd.

Imma l-praspar kienu jfaqqsu f'moħħ Betta bħad-dubbien fis-sajf. U kien sewwasew fis-sajf li ġrat din il-praspura. Kienet waslet il-festa ta' San Ferdinandu, il-qaddis protettur tar-raħal, u dik is-sena wkoll Ħal Faqqus kien imżejjen bid-dwal u bil-liedna, bil-vari fit-toroq, bil-bnadar u l-pavaljuni. Fil-ġimgħa ta' qabel il-festa l-marċ ħareġ kuljum idur mat-toroq, għax f'Ħal Faqqus ta' kull sena jagħmlu l-festa bil-kbir. In-nannu Bennard ma tilifx marċ wieħed għax il-banda jħobbha wisq. U kull darba

li ħareġ biex igawdi l-marċ dejjem ħa lil Betta miegħu. It-tifla kienet tmur tajjeb man-nannu għax ix-xwejjaħ kien dejjem jixtrilha xi ġelat jew żewġ pastizzi, xi *hot-dog* jew xi ftit imqaret. U mhux l-ewwel darba li xtralha xi biċċa qubbajt tajba biex ikollha xi tgerrem id-dar.

Iżda mbagħad ġie l-għawġ. Betta twebblet biex lejliet il-festa tieħu lil Pikles ħalli hu wkoll igawdi l-marċ! In-nannu baqa' jrodd is-slaleb meta qaltlu x'kellha f'rasha. Qalilha li din ma kinetx ħaġa flokha għax ħafna nies jibżgħu mill-ġrieden, bħan-nanna u l-mamà, u għalhekk żgur li jiddejqu jekk maġenbhom jaraw tifla b'ġurdien f'idha! Iżda lil Betta mhux lakemm iddawrilha fehmitha għax għandha rasha iebsa daqs il-blat. Lin-nannu ma komplietx tmerih u x-xwejjaħ ħaseb li dik id-darba kienet se tisma' minnu. Iżda meta f'lejliet il-festa ħarġet miegħu għall-marċ ħadet il-*hamster* moħbi tajjeb fil-*handbag*.

Sakemm ħalliet lil Pikles fil-*handbag* kollox mexa ħarir. Iżda hi ma kienx fi ħsiebha tħallih fil-*handbag* għax dehrilha li minn hemm ma kien se jgawdi xejn.

Betta u n-nannu kienu weqfin fuq il-bankina, fost ħafna nies oħra, jisimgħu l-marċ riesaq u jistennewh għaddej minn quddiemhom biex jarawh sew. Meta l-banda waslet ħdejhom, il-bandisti spiċċaw il-marċ li kienu jdoqqu u waqfu lkoll biex jistrieħu u jieħdu ftit tan-nifs. Betta ħadet gost bil-waqfa tagħhom għax b'hekk setgħet tarahom aħjar. Ħasbet ukoll li dak kien l-aħjar waqt biex toħroġ lil Pikles mill-basket ħalli jkun jista' jara l-bandisti u l-istrumenti tagħhom.

Eżatt quddiemhom kien waqaf bandist oħxon li kien


F.Schembri